Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 2/2016

**Gino Spiteri**
**(appellat)**

**Vs**

**Solar Engineering Ltd.**
**(appellanta)**

22 ta' Settembru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż tat-Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi fit-18 ta' Frar 2015 ir-rikorrent Gino Spiteri ppremetta li fis-6 t' Awissu 2013 huwa kien ordna l-installazzjoni ta' 14-il pannella solari mingħand is-*Solar Engineering Ltd.,* Mosta b'sena garanzija u ġenerazzjoni medja ta' 7000kWh fis-sena. Huwa ħallas is-somma ta' €7,457 li jinkludi l-pannelli, bolts u studs kif ukoll il-*metre* tad-dawl. Huwa qiegħed jitlob lura mis-soċjetà intimata s-somma ta' €490 rappreżentanti l-ħlas ta' bolts u studs, il-ħsara li saret fil-faċċata tal-bini u d-differenza bejn il-ġenerazzjoni attwali u dik miftehma tal-pannelli bir-rata ta' 22ċ kull unit.

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2015 l-intimata wieġbet li l-każ għandu jinstema' Għawdex billi l-indirizz uffiċjali tagħha huwa reġistrat hemmhekk; it-talba tar-rikorrent mhix ġustifikata; f'kull każ t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

3. Permezz ta' deċiżjoni datata 29 ta' Jannar 2016 it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur iddeċieda billi ordna s-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) bl-ispejjeż kontriha.

4. Illi minn din is-sentenza appellat is-soċjetà intimata Solar Engineering Ltd a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 378. L-aggravju tagħha huwa:

    a. It-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq fatti neżistenti bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

b. Fil-mertu, ma sar l-ebda ftehim ieħor bejn is-soċjetà appellanti u l-parti appellata għajr dak li ġie mniżżel fl-istima u fl-eventwali fattura, l-istallazzjoni saret skont l-ispeċifikazzjonijiet u taħdem kif suppost, u l-appellant dam kważi sena sabiex iqajjem l-ilment tiegħu.

5. Illi permezz ta' risposta datata 8 t' April 2016, l-appellat wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. Illi l-<u>fatti</u> li jirriżultaw mill-provi huma:

- Skont '*Request for* Service' datata 8 ta' Awissu 2013 mehmuża mal-avviż ta' talba, l-intimata ikkwotat lir-rikorrent għax-xiri ta' erbatax-il pannella fotovoltajka li skont l-istess dokument kellha tiġġenera **medja ta' 7,000 unit elettriku fis-sena**;

- Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015, ir-**rikorrent** xehed li minflok 7,000 unit, l-imsemmija pannelli tawh **<u>5,300 unit fis-sena</u>**. Żied jgħid ukoll li waqt l-istallazzjoni l-ħaddiema tal-intimata għamlu ħsara fil-faċċata biex jgħaddu l-wire apparti mill-fatt li kellu jixtri xi bolts hu għaliex insewhom warajhom. Il-ħadida tal-*beam* li ħadu magħhom kienet ukoll kollha sadid.

- Fl-istess seduta xehed ukoll **Giuglio Azzopardi**, ex-impjegat tal-intimata li kien involut fil-każ. Huwa ikkonferma li l-wegħda kienet ta 7,000 unit fis-sena u spjega kif wasal għal dan il-kalkolu. Qal li għandu ħafna ex-klijenti jilmentaw bl-istess problema. Meta kien tkellem mal-imgħallmin tiegħu dwar dan kienu qalulu, '*meta naslu għaliha nieħdu ħsieb aħna*'. Skont il-garanzija ta' ħama u għoxrin (25) sena, fl-ewwel għaxar (10) snin l-*output* jinżel għal 90% u l-ħmistax -il sena rimanenti tonqos għal 80%.

- **Timothy Jones** ukoll ex-impjegat tal-intimata ikkonferma ukoll li '*aħna għadnielhom 7,000 units għaliex hekk kien jgħidilna biex ngħidulhom l-ex imgħallem tagħna*'.

- Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2015, **Anthony Saliba**, għas-soċjetà intimata xehed li l-kumpanija talbet biss id-differenza tal-materjal iżżejjed. Ippreżenta kopja tal-*quotation* immarkata **DOK AS1** u l-irċevuta mmarkata **DOK AS2** li ġew reġistrati mal-awtorità sabiex l-

appellat jieħu l-grant fejn ġie indikat '*Electrical annual output energy expected at the installed location'* ta' 5775 kWh fis-sena. Dwar il-ħsarat fil-faċċata li huwa ddeskriva bħala '*toqba fis-siment'* qal li offrew lill-appellat li jsewwulu l-ħsarat a spejjeż tagħhom li skont stima indipendenti kienet ta' €50 mhux €170 kif pretiż mir-rikorrent. Madanakollu r-rikorrent m' aċċettax għaliex ried iqabbad in-nies hu. Dwar il-monitoraġġ tal-pannelli, huwa qal li dak li tagħmel l-Enemalta jikkonsisti f'*recorder* li jitħalla għal jumejn iżda fil-każ tar-rikorrent ir-*recorder* tagħhom tħalla xahar.

- Fit-2 ta' Ġunju 2015 it-Tribunal ordna li għandu jsir monitoraġġ għas-spejjeż tal-intimata li jibda min-nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju 2015. Madanakollu, permezz ta' nota datata 23 ta' Ġunju 2015, l-intimata infurmat lit-Tribunal li minkejja diversi tentattivi sabiex isir dan, ġiet negata lilha l-opportunità li twaħħal l-*monitor* sabiex dan ikun jista' jsir.

- Fl-udjenza tal-21 ta' Lulju 2015 **mart ir-rikorrent** spjegat li l-impjegati tal-intimata riedu jgħaddu ħafna *wires* u kien għalhekk ma ħallewx lill-intimata twaħħal is-sistema ta' monitoraġġ. Inoltré, l-impjegat tal-intimata ma kienux libsin *safety wear* u allegatament saqsewhom domandi dwar il-laż u rrikordjaw il-konverżazzjoni bil-*mobile* mingħajr il-permess tagħhom.

- Fl-udjenza tal-21 ta' Lulju 2015 it-Tribunal **ordna li sas-seduta tat-22 ta' Settembru 2015 jiġi nstallat *monitor* bil-WIFI**, iżda permezz ta' nota datata 15 ta' Settembru 2015 l-intimata infurmat lit-Tribunal li s-sistema tar-rikorrent m' għandhiex *features* relatati mal-*wireless* jew *bluetooth* u għalhekk il-*monitoring* irid isir bilfors bl-internet permezz ta' *network cable*. L-intimata tkun tista' tagħti *link* lir-rikorrent sabiex ikun jista' jara d-data miġbura.

- Fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015 dehru r-**rikorrenti**. Ġie ddikjarat li meta marru fuq il-post, l-impjegati tal-intimata qalulhom li l-*monitoring* ma setax isir *wireless* għaliex għalkemm twaħħlu 14-il pannella sar inverter għal 12. Huma m' aċċettawx li jisir dan u l-impjegat niżel iċempel lil ta' fuqu u ma tfaċċax aktar. Ma sar ebda tenttativ ieħor da parti tagħhom li jikkuntattjaw lir-rikorrenti. Ippreżentaw kont tal-ARMS li jindika l-units ġenerati bejn l-20 ta' Jannar 2015 u l-20 ta' Marzu 2015 kif ukoll kopja tar-riklam tal-pannelli mixtrija minnhom. Dak il-ħin daħal **Anthony Saliba** li nforma lit-Tribunal li s-sistema tar-rikorrenti għandha żewġ *inverters* li bilfors iridu jiġu komunikati mal-*modem* permezz ta' *cable*. It-Tribunal ta' l-

aħħar ċans lill-partijiet isibu soluzzjoni bl-anqas inkonvenjent għar-rikorrenti u jekk dan ma jsirx jgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li hemm.

- Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 it-Tribunal ordna lir-rikorrenti jippreżentaw il-kontijiet kollha tad-dawl għas-sena 2014. Mir-*readings* attwali tal-kontijiet ippreżentati mir-rikorrenti jirriżulta s-segwenti:

| **Perjodu** | **Units Ġenerati** |
|---|---:|
| | |
| 10.07.2014 – 18.09.2014 | 1366 |
| 19.09.2014 – 18.11.2014 | 732 |
| 19.11.2014 – 19.01.2015 | 518 |
| 20.01.2015 – 20.03.2015 | 657 |
| 20.03.2015 – 28.04.2015 | 718 |

- Il-kont tal-*Automated Revenue Management* għall-perjodu bejn **it-18 ta' Jannar 2014 u 9 ta' Lulju 2014**, bażat fuq *consumer readings*, ma jindikax in-numru ta' units ġenerati iżda jindika tnaqqis ta' elettriku wara *supply* lill-grid fis-somma ta' €517.44 li maħdum bir-rata ta' €0.22ċ jindika li matul l-imsemmi perjodu ġew ġenerati 2,352 units.

- Mill-atti jirriżulta li l-*metre* tad-dawl li twaħħal sabiex jieħu r-*readings* tal-ġenerazzjoni ta' elettriku lill-grid[1], ġie nstallat fl-10 ta' Marzu 2014[2]. Għalhekk tqis li l-ammont ta' 2,352 *units* 'l fuq indikati huma effettivament għall-perjodu bejn **l-10 ta' Marzu 2014 u d-9 ta' Lulju 2014**.

- **Isegwi li f'perjodu ta' ftit aktar minn sena meħud bejn l-10 ta' Marzu 2014 u l-20 ta' Marzu 2015 ġew ġenerati 5,625 kWh** (ara wkoll tabella hawn fuq).

7. Is-soċjetà intimata appellat a tenur tal-artikolu tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 378, li jagħti d-dritt t'appell meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

8. Fir-rigward tal-bażi legali tal-appell odjern, ossija, l-ksur tad-dettami tal-ġustizzja naturali, fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Mary Zarb vs Emma Azzopardi*** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu 2007, intqal li:

---

[1] Bin-numru 13.16220283.
[2] Ara dokument tal-enemalta numru 1519600.

*'Fir-rigward, din il-Qorti, f' sentenzi passati tagħha, ġja tat indikazzjoni ampja tan-nozzjoni ta' ġustizzja naturali u tal-ksur tagħha. Hekk, per eżempju, fis-sentenza tagħha in re: "**Joseph Debono -vs- Phonica Systems Ltd**", 19 ta' Mejju 2004, issenjalat illi l-prinċipju tal-ġustizzja naturali kien komprensiv taż-żewġ regoli tradizzjonali "nemo judex in causa propria" u "audi alteram partem". Issoktat tippreċiża illi "ma' l-ewwel regola hu allaċjat il-prinċipju notorju ta' l-imparzjalità u allura tan-neċessita` li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jkun jidher manifest li ġustizzja qegħda ssir (ara "**Avv. Dr. Antonio Caruana -vs- Caterina Gerada**", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-każ tat-tieni regola din solitament tabbraċċja kwalsiasi materja ta' "fair hearing" u tal-prinċipju tal-"equality of arms" ("**Antonio Sammut -vs- John Bell McCance**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 29 ta' Mejju 1946). Dan mhux biss peró. Fi żmenijiet pjuttost reċenti ġie ulterjorment żviluppat il-prinċipju ta' l-għoti tar-raġuni ossija tal-motivazzjoni adegwata fid-deċiżjoni ("**Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**", Appell, 4 ta' Marzu 1992)";*

*Ribadit dan, forsi ma jkunx għal kollox barra minn loku jekk l-Qorti tittanta anke hawn tapprofondixxi din it-tematika, hekk ċentrali għall-ammissibilità ta' l-appell lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi;*

*Apparti r-regola ta' l-imparzjalità, li dwar il-ksur tagħha ma tqanqal ebda aggravju, huwa paċifiku illi r-regola l-oħra suddetta tinkorpora fiha ż-żewġ ingredjenti ta' "efficiency" u ta' "fairness". Ta' l-ewwel hi marbuta mad-dewmien eċċessiv fl-amministrazzjoni tal-ġusitizzja (ara, b' eżemplari, "**George Xuereb -vs- Registratur tal-Qrati et**", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Novembru 2004), li mhux il-każ hawnhekk. Tat-tieni, u dak li l-aktar jinteressa l-każ preżenti, hi kodiċi ta' proċedura korretta u ta' "fair hearing";*

*Essenzjalment, fin-natura multiforma tagħha din ta' l-aħħar tassumi dawn l-aspetti:-*

*(1) Id-dover li tingħata lill-partijiet fil-kawża l-opportunità raġonevoli li jressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijet tagħhom;*
*(2) Id-dritt li s-setgħa diskrezzjonali, affidata lil kull qorti jew tribunal, tkun eżerċitata in relazzjoni għall-materja eżaminata u ma tkun awtomatikament imxekkla minn ebda prekonċetti jew affetta minn "bias";*
*(3) Id-dritt li d-deċiżjoni tkun bażata fuq stħarriġ probatorju loġiku u b' motivazzjoni sobrija li tindika r-raġunijiet għaliex t-talba jew l-eċċezzjonijiet għaliha jkunu qed jiġu milqugħa jew miċħuda. Fi kliem ieħor, il-proċess għandu jipproduċi dik id-deċiżjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u l-applikazzjoni tal-liġi. Ikollu jingħad bi qbil ma' l-awtur McLaughlin ("**The Roles of Administrative Tribunals and Courts in Maintaining the Rule of Law**", pagna 187), "only if decisions can be defended rationally with reasons or some imprint of rationality can the Rule of Law survive";*

*Jikkonsegwi minn dak premess illi d-deċiżjoni tista' tkun soġġetta b' suċċess għal reviżjoni jekk jinstab illi t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni*

*adegwata lill-meriti tal-każ, jew fejn l-eżerċizzju tal-poter diskrezzjonali jkun għal kollox nieqes minn raġuni jew meta l-konklużjoni ultimament raġġunta tirriżulta illoġika;'*

9. Fil-każ odjern, l-appellanta tilmenta li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni fuq fatti ineżistenti għall-każ odjern, ossija:

   - Kien hemm generazzjoni ta' elettriku inqas minn dak imwiegħed, '*minħabba diversi raġunijiet fosthom problemi fil-pannelli li ma kienux qegħdin jaħdmu';*

   - *'It-Tribunal jinnota li huwa minnu li qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti li kien hemm nuqqas ta' użu ta' units minħabba d-diversi mankanzi li kien hemm fis-sistema tal-pannelli';*

   - *'It-Tribunal jinnota li s-Soċjetà intimata għamlet minn kollox biex tipprova ssewwi dawn il-pannelli peró xorta jibqa' l-fatt li kien hemm diversi nuqqasijiet';*

   - *'it-Tribunal għalhekk jikkonkludi li sakemm dawn ġew irranġati r-rikorrenti sofra nuqqas ta' użu u għalhekk il-konsum ta' kilowats kien inqas.'*

10. L-appellanti għandha raġun tilmenta li l-appellat qatt ma lmenta li ma kinux qegħdin jaħdmu. Effettivment, it-talba tar-rikorrent kienet għall-ħlas lura ta' bolts u studs, il-ħsara li saret fil-faċċata tal-bini u d-differenza bejn il-ġenerazzjoni attwali u dik miftehma tal-pannelli bir-rata ta' €0.22ċ kull unit.

11. Fil-mori tal-proċeduri lanqas ma rriżultat ebda prova li b' xi mod kienet tindika li kien hemm problemi fil-pannelli jew li kien hemm xi mankanzi fihom b'dan illi lanqas it-tieni bran 'l fuq ċitat ma jsib ebda riskontru fil-fatti tal-każ.

12. Tant inqas ma jirriżulta dak li qal it-Tribunal fid-deċiżjoni li l-'*intimata għamlet minn kollox biex tipprova ssewwi dawn il-pannelli'.* Kull ma jirriżulta huwa li t-Tribunal ordna li jsir monitoraġġ tas-sistema sabiex jiġi stabbilit kemm qegħdin jiġu ġenerati kWh mis-sistema tal-pannelli nstallata fir-residenza tar-rikorrenti iżda, minkejja li saru żewġ tentattivi mill-appellanta biex isir dan, tali monitoraġġ ma sarx peress li l-uniku mod li dan isir kien jirrikjedi l-passaġġ ta' *cable* minn żewġ inverters għall-*modem*, liema proċedura r-rikorrent m'aċċettax.

13. Isegwi li t-Tribunal qatt ma seta' jasal għall-konklużjoni li '*sakemm dawn ġew irranġati r-rikorrenti sofra nuqqas ta' użu u għalhekk il-konsum ta' kilowatts kien naqas'*. Ladarba ma sar l-ebda intervent fuq il-pannelli, ma jistax jingħad li ġew irranġati.

14. Fid-dawl tas-suespost, huwa manifest li t-Tribunal ma pprestax attenzjoni adegwata lill-mertu tal-każ billi bbaża l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tiegħu fuq premessi li ma jirriżultawx mill-provi miġjuba quddiemu bi ksur ta' dak li ngħad hawn fuq. Għalhekk l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti jimmerita li jiġi milqugħ inkwantu jirriżulta fondat u ġustifikat b' dan illi s-sentenza appellata qegħda tiġi mħassara.

15. Konsegwentement, a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 din il-Qorti sejra tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u tiddeċiedi hi stess it-talba tal-attur.

16. Fit-talba tiegħu, ir-rikorrent talab li jiġi riżarċit mis-soċjetà intimata s-somma ta' €490 rappreżentanti l-ħlas ta' bolts u studs, il-ħsara li saret fil-faċċata tal-bini u d-differenza bejn il-ġenerazzjoni attwali u dik miftehma tal-pannelli bir-rata ta' €0.22ċ kull unit.

17. Dwar il-pretenzjoni li tirrigwarda l-allegat ħlas ta' *bolts* u *studs* ir-rikorrent ma ppreżenta l-ebda rċevuta. Madanakollu, fit-2 ta' Ġunju 2015 Anthony Saliba għas-soċjetà intimata xehed li, '*aħna tajnieh quotation għal ċertu ammont ta' materjal. Kien hemm ukoll rata għal materjal addizzjonali. Il-kumpannija talbet biss id-differenza ta' dan il-materjal żejjed. Ngħid li fil-quotation hemm inklużi l-bolts u studs eċċ li jagħmlu parti mill-materjal żejjed.'*

18. Minn dan isegwi li s-soċjetà appellanti qegħda tirrikonoxxi li r-rikorrent effettivament ħallas xi materjal hu. Madankollu, mill-provi prodotti ma jirriżultax li r-rikorrent intalab biss iħallas d-'*differenza'* kif qal Anthony Saliba. Kemm fl-istima datata 15 ta' Lulju 2013 kif ukoll fl-*invoice* datata 15 ta' Jannar 2014, is-somma mitluba hija l-istess u ċioé €7,165. Isegwi għalhekk li s-somma mħallsa mir-rikorrent ta' €7,165 kienet tinkludi l-prezz **sħiħ** tal-materjal għall-istallazzjoni u ma ġiet imnaqqsa l-ebda differenza.

19. **B' hekk din il-Qorti hija sodisfatta li t-talba għal rifużjoni ta' €45 rappreżentanti *bolts* u *studs* hi ġustifikata**.

20. Ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll €85 ħsara fil-faċċata tal-bini li tirriżulta ukoll mir-ritratti eżebiti. Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2015, Anthony Saliba rrikonoxxa r-responsabilità tas-soċjeta intimata għal dawn id-danni pero ikkontesta l-ammont mitlub. Huwa qal '*rigward il-facade ngħid li aħna offrejnielu li*

*nsewwu il-ħsara li għamilna għas-spejjeż tagħna meta inħolqot toqba fis-siment meta għaddejna cable. Tlabna kwotazzjoni indipendenti u l-ammont ġie ħafna inqas mill-€170 li talabna r-rikorrent u ġiet għal madwar €50.'*

21. Ladarba mill-atti ma tirriżulta l-ebda stima ndipendenti li tiġġustifika t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' €85 din **il-Qorti qegħda tilqa' din it-talba limitatment sal-ammont maqbul mis-soċjetà appellanta fis-somma ta' €50**.

22. Jifdal għalhekk it-talba rikorrenti għad-differenza bejn il-ġenerazzjoni ta' Kwh attwali tal-pannelli u dik miftehma bir-rata ta' 22ċ kull unit.

23. Ir-rikorrent isostni li ġie mwiegħed sistema li tiġġenera 7,000 kWh fis-sena hekk kif jirriżulta mir-*Request for Service No. 06708*. Dan ġie kkonfermat ukoll minn Julio Azzopardi, ex-impjegat mal-intimata li ħejja l-imsemmija kwotazzjoni kif ukoll minn Timothy Jones, ex-impjegat ieħor li kkonferma li ***'aħna għidnilhom average 7,000 units għax hekk kien jgħidilna biex ngħidulhom l-ex imgħallem tagħna'.***

24. Anthony Saliba xehed li ma jafx għal x'hiex kien qed jirreferi Julio Azzopardi u xtaq jirriżeva l-kontro-eżami tiegħu. Madanakollu il-kontro-eżami ma sarx, kif lanqas sar lil Timothy Jones. Saliba rrefera għall-istima u l-*invoice* allegatament reġistrati mal-awtorità u minnu ppreżentati fil-proċeduri odjerni u jinisisti li skont dawn id-dokumenti l-*'electrical annual output energy expected at the installed (kWh/year)'* huwa indikat bħala <u>5,775</u>.

25. Fl-appell tagħha s-soċjetà intimata tikkontendi li l-istallazzjoni tas-sistema ta' pannelli fotovoltaiċi saret skont l-ispeċifikazzjonijiet li hemm fil-fattura u qegħda taħdem kif suppost skont il-fattura iffirmata u ppreżentata in atti.

26. Fil-kont hemm firma li mill-provi ma rriżultax ta' min hi.

27. Madanakollu, anké li kieku din il-Qorti kellha tassumi li l-*invoice* in kwistjoni ġiet effettivmanet iffirmata mir-rikorrent, ma jirrizultax li kien ġie nfurmat li l-informazzjoni ma kinitx konformi ma' dak li ġie mwiegħed fl-ordni li saret fis-6 ta' Awissu, 2013. Fl-ordni jingħad li s-sistema tipproduċi *"Avg Units Yearly 7000"*.

28. Inoltré, l-appellanta tikkontendi fl-istess waqt li *'qabel isir il-bejgħ huwa normali li jiġu esplorati diversi sistemi possibbli mal-klijent peró fl-aħħar mill-aħħar meta tingħażel sistema partikolari u l-klijent jagħti l-kunsens tiegħu*

*għall-appllikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, dik is-sistema tkun is-sistema li l-klijent jagħżel li jixtri'.*

29. Dan l-argument, iżda, ma jsib l-ebda riskontru ma dak li ddepona Anthony Saliba li fl-ebda waqt ma qalx li kien seħħ xi ftehim differenti wara l-ordni tas-6 ta' Awissu, 2013. Inoltré ma tirriżulta ebda distinzjoni bejn d-deskrizzjoni tal-pannelli ndikata fl-*invoice* tal-15 ta' Jannar 2014 u dik indikata fl-imsemmija *Request for Service*.

30. Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, kif ukoll il-fatt li x-xhieda tar-rikorrent ġiet korraborata minn Julio Azzopardi u Timothy Jones u r-*Request for Service* datata 6 ta' Awissu 2013 din il-Qorti hija sodisfatta li rrispettivament minn dak dikjarat mal-awtorità kompetenti, ir-rikorrent ġie mwiegħed sistema li tiġġenera medja ta' 7,000 kWh fis-sena garantita sa 90% tal-effiċjenza fl-ewwel għaxar (10) snin u 80% fis-segwenti ħmistax (15) il-sena. **Għalhekk dan ifisser li lill-attur ġie garantit 6,300 kWh fis-sena** (90% ta' 7,000 kWh).

31. Fit-talba tiegħu r-rikorrenti jiddikjara li l-ġenerazzjoni attwali ta' elettriku hija ta' <u>5,355</u> kWh fis-sena, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015 qal li hi <u>5,300</u> kWh fis-sena, filwaqt li fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015 ir-rikorrenti ndikaw li l-pannelli ġġeneraw <u>5,435</u> unit. Madankollu, minn imkien ma jirriżulta kif waslu għal dawk iċ-ċifri.

32. B'riferenza għall-fatti elenkati aktar 'l fuq, mill-atti jirriżulta li l-*metre* tad-dawl korrispondenti għar-*readings* tal-ġenerazzjoni ta' elettriku lill-grid twaħħal fl-10 ta' Marzu 2014. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-ammont ta' 2,352 *units* hekk kif jirriżultaw mill-kont tal-*Automated Revenue Management* datat 31 ta' Lulju 2014, jirreferu għall-ġenerazzjoni ta' kWh fil-perjodu bejn **l-10 ta' Marzu 2014 u d-9 ta' Lulju 2014**.

33. Minn dan kif ukoll mir-*readings* tal-kontijiet sussegwenti jsegwi li f' perjodu ta' <u>ftit aktar</u> minn sena meħud bejn <u>l-10 ta' Marzu 2014 u l-20 ta' Marzu 2015</u> ġew ġenerati **<u>5,625</u> units**. **Meħuda fuq medda ta' 365 jum il-medja ta' units attwalment ġenerati għal dik is-sena tammonta għal 5,475 kWh**.

34. B'hekk id-differenza bejn l-ammont garantit u l-ammont effettivament ġenerat fil-perjodu ta' sena bejn l-10 ta' Marzu 2014 u l-10 ta' Marzu 2015 hija ta' <u>825 unit</u> (6,300 - 5,475). Madanakollu, peress li **t-talba tar-rikorrent saret fit-18 ta' Frar 2015**, f'kull każ l-ebda kumpens ma jista' jingħata oltré dik id-data. Għalhekk, id-diskrepanza hi kalkolata proporzjonalment għal 346 jum li

jwassal għal 782 kWh li bir-rata ta' €0.22 fil-*unit* tammonta għal-diskrepanza ta' **€172**.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell tas-soċjetà intimata, tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talba *in parte* u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallasha s-somma komplessiva ta' mitejn sebgħa u sittin Ewro (€267) rappreżentanti €45 in konnessjoni ma' bolts u studs li pprovda r-rikorrent, €50 ħsara fil-faċċata tal-bini u €172 differenza bejn il-ġenerazzjoni ta' elettriku garantita u dik attwali.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-konvenuta u 20% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.